C/2025/1134

13.2.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11862 — PSS / MACCAFERRI / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/1134)

1. Fit-3 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Prime Synthetic Solutions Ltd ("PSS", ir-Renju Unit), ikkontrollata b'mod konġunt minn Teijin Limited (il-Ġappun) u Miller Prime Ltd (ir-Renju Unit),

— Officine Maccaferri SpA (minn hawn 'il quddiem "Maccaferri", l-Italja), ikkontrollata minn fond amministrat minn Ambienta Sgr SpA (l-Italja).

PSS u Maccaferri jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' impriża bi sħab ("JV") iffurmata ġdida.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— PSS huwa aġent tal-bejgħ ta' Linear Composites, sussidjarja ta' Maccaferri. PSS hija kkontrollata b'mod konġunt minn Miller Prime Ltd u Teijin Limited, grupp teknoloġiku attiv fis-setturi ta' soluzzjonijiet tal-kura tas-saħħa u materjali ta' prestazzjoni għolja,

— Maccaferri hija fornitur ta' soluzzjonijiet ta' inġinerija ambjentali fi ħdan is-suq tal-kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili, ġeotekniku u ambjentali. Maccaferri hija s-sid sħiħ ta' Linear Composites, li hija prinċipalment attiva fir-Renju Unit, u li tiddisinja, tiżviluppa u timmanifattura prodotti komposti ta' polimeru ta' prestazzjoni għolja, inklużi prodotti tal-ħbula tal-wajer bħal prodotti tal-parafil u tal-paraloop.

3. IK se tiżviluppa, tforni u timmanifattura prodotti tal-ħbula tal-wajer, b'mod partikolari prodotti tal-parafil u tal-paraloop, li se jiġu prodotti b'fibri tal-aramid. Il-post tal-oriġini ta' JV se jkun fir-Renju Unit.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

(Każ M.11862 — PSS/MACCAFERRI/JV)

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË